ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

849

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-23 ta' Awwissu, 2021, fuq talba ta' Louis Zammit et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien li għandhom id-directus dominus u s-sub-directus dominus jew is-suċċessuri tagħhom fit-titolu fl-atti taċ-ċedola numru 1509/2021 fl-ismijiet Louis Zammit et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti:

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens ta' Louis Zammit, delivery man, iben Francis u Mary Grace née Galdes, imwieled Tal-Pietà fid-19 ta' Marzu, 1982, (KI 0209882M) flimkien ma' martu Greta Ann Zammit administrative office, bint Nazzareno Galea u Antonia Lihic née Abela imwielda Tal-Pietà fit-12 ta' April, 1992, (KI 0203992M) vs Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw is-sidien li għandhom id-directus dominus u sub-directus dominus jew is-suċċessuri fit-titolu tagħhom ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-12 ta' Awwissu, 2021, fejn Louis Zammit (KI 0209882M) et esponew bir-rispett:

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 23rd August, 2021, following a request by Louis Zammit et it was ordered that deputy curators be appointed to represent the owners who have the directus dominus and sub-directus dominus or their successors in title in the acts of the schedule of deposit number 1509/2021 in the names Louis Zammit et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and concurrent redemption of groundrent filed in the First Hall of the Civil Court on the 12th August, 2021, in the names Louis Zammit, delivery man, son of Francis and Mary Grace née Galdes, born in Tal-Pietà on the 19th March, 1982 (ID 0209882M) together with his wife Greta Ann Zammit, administrative officer, daughter of Nazzareno Galea and Antonia Lihic née Abela, born in Tal-Pietà on the 12th April, 1992 (ID 0203992M) vs Deputy Curators to represent the unknown owners who have the directus dominus and sub-directus dominus or their successors in title, the applicants Louis Zammit (ID 0209882M) et respectfully submitted:

Illi l-esponenti akkwistaw il-proprjetà intiera tagħhom u ċjoè d-dar bin-numru uffiċjali 45 ġja 24 fi Triq il-Parroċċa, u bieb ieħor numru uffiċjali 22 fi Triq Santu Rokku, Ħad-Dingli, suġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €0.29c1, liema dar hija suġġetta għas-servitù passiv tad-drenaġġ tal-fond numru 43 fi Triq il-Parroċċa li jgħaddi mill-bitħa tad-dar de quo, altrimenti libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha inkluż is-sottoswol kollu tagħha kif wkoll l-arja kollha usque ad coelum hekk kif aħjar deskritta fil-kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Robert Aquilina datat 4 ta' Diċembru, 2013 (Dok. A);

That the applicants acquired the whole property and that is the house with official number 45 previously 24 in Triq il-Parroċċa, and another door with official number 22 in Triq Santu Rokku, Ħad-Dingli, subject to the annual and perpetual groundrent of €0.29c1, which house has a servitude of drainage passage of the premises number 43, Triq il-Parroċċa which pass through the yard of the house in question, otherwise free and unencumbered with all its rights and appurtenances, including all its subterrain and also its airspace usque ad coelum or better described in the contract published in the records of Notary Dr Robert Aquilina dated 4th December, 2013 (Doc. A).

Illi l-imsemmija proprjetà hija mmarkata fuq is-site plan hawn annessa u mmarkata bħala Dok. B;

That the said property is marked on the site plan here attached and marked as Doc. B;

Illi l-esponenti qegħdin jintavolaw din iċ-ċedola sabiex jifdi ċ-ċens gravanti l-proprjetà fuq deskritta;

That the applicants are filing this schedule of deposit to redeem the groundrent of the property above mentioned;

Illi d-directus dominus, is-sub-directus dominus jew is-suċċessuri fit-titolu huma injoti u għaldaqstant se jigu rappreżentanti fl-atti ta' dina ċ-ċedola mill-kuraturi deputati;

That the directus dominus, the sub-directus dominus or their successors in title are unknown and thus deputy curators are going to represent them in this schedule of deposit;

Illi l-esponenti qegħdin jipprevalixxu ruħhom mid-dispożizzjoni tal-Artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) u jifdu l-istess ċens kif stipulat fl-istess ligi;

That the applicants wish to avail themselves from the option given to them in terms of article 1501 of the Civil Code (Cap. 16) and redeem the above mentioned groundrent as stipulated in the same law;

Illi s-somma ta' €0.30 kapitalizzata bir-rata ta' 5% tammonta għal €6;

That the amount of €0.30 capitalised at the rate of 5% amounts to €6;

Illi l-esponenti sabiex jottempraw ruħhom mal-liġi qegħdin jiddepożitaw is-somma ta' €0.30 rappreżentanti laudemium;

That the applicants, in order to abide themselves with law are depositing the amount of €0.30 representing the laudemium;

Illi l-esponenti qegħdin jiddepożitaw ukoll is-somma ta' €1.50 rappreżentanti arretrati taċ-ċnus u dan sabiex jirregolaw ruħhom.

That the applicants to regulate themselves are depositing also the amount of €1.50 representing the groundrent arrears.

Għaldaqstant, l-esponenti sabiex jifdu ċ-ċens impost fuq l-imsemmija art hekk kif premess jadixxu din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jiddepożitaw is-somma komplessiva ta' €7.80 sabiex din is-somma tiġi liberament żbankata mill-intimati u dan wara li titħalla d-debita riċevuta skont il-liġi.

Thus, the applicants to redeem the groundrent imposed of the said land are humbly requesting this Honourable Court and under its Authority are depositing the total amount of €7.80 so that this amount will be freely withdrawn by the respondents after leaving the relative receipt according to law.

Depositanti: 45, Triq il-Parroċċa, Ħad-Dingli

Applicants: 45, Triq il-Parroċċa, Ħad-Dingli

Notifika:
i) Kuraturi Deputati
ii) Direttur Reġistru Pubbliku, Reġistru Pubbliku, Il-Belt Valletta
iii) Reġistru tal-Artijiet, Casa Bollino, Il-Belt Valletta

Respondent:
i) Deputy Curators
ii) Director Public Registry, Public Registry, Valletta
iii) Land Registry, Casa Bollino, Valletta

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to

lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Christian Falzon Scerri, BA, LLD, Dip. Trib. Eccles. Melit, Duttur tal-Liġi.

Illum 23 ta' Awwissu, 2021

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 13 ta' Mejju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Christian Falzon Scerri, BA, LLD, Dip. Trib. Eccles. Melit Doctor of Laws.

Today 23rd August, 2021

Registry of the Superior Courts, today 13th May, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

850

Permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Marzu, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Mary Cassar vs Giovanna Attard, Rikors numru 1104/2021LC, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Giovanna Attard a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Mary Cassar (KI 943146M) vs Giovanna Attard (KI 7650435M) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fid-29 ta' Diċembru, 2021, ir-rikorrenti Mary Cassar (KI 943146M) talbet lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jordna li jwettaq it-test tal -mezzi tal-intimata u dan b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 12B tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jagħti dawk l-ordnijiet li jidhirlu opportuni, skont ir-riżultanzi tat-test tal-mezzi;

3. F'każ illi jiġu sodisfatti l-kriterji tat-test tal-mezzi, jordna t-tkomplija tal-lokazzjoni relattiva għall-fond 18 ġja 27, Triq Samuel Taylor Coleridge, Il-Gżira, Malta, favur l-intimata Giovanna Attard, jistabbilixxi kundizzjonijiet ġodda rigward għall-ħlas tal-kera, u jiddikjara illi l-kera għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċediex it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 2021, u jordna sabiex il-kera titħallas mill-intimata hekk kif dikjarat.

By means of a decree of the 11th March, 2022, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Mary Cassar vs Giovanna Attard, Application number 1104/2021LC, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Giovanna Attard in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the names Mary Cassar (ID 943146M) vs Giovanna Attard (7650435M) filed in the Rent Regulation Board, on the 29th December, 2021, the applicant Mary Cassar (ID 943146M) requested this Honourable Board why it should not:

1. Order the means test of the respondent according to the provisions of Article 12B of Cap. 158 of the Laws of Malta;

2. Give those orders that it deems fit and opportune, according to the results of the means test;

3. And if the criteria of the means test are met, order the continuation of the relative lease regarding the premises 18 previously 27, Triq Samuel Taylor Coleridge, Gżira, Malta, in favour of the respondent Giovanna Attard, establish new conditions regulating the payment of the rent and declare that the rent should be revised to an amount not exceeding 2% per annum of the free and open market value of the premises with effect from the 1st January, 2021, and orders the respondent to pay the rent as declared.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-intimata li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni u mingħajr preġudizzju għal kwalsijasi azzjoni oħra li tista' talvolta tiġi preżentata.

Rikorrent:
34, Triq San Kostantinu, Birkirkara

Intimata:
i) 18, Triq Samuel Taylor Coleridge, Il-Gżira
ii) L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Mary Cassar vs Giovanna Attard, Rikors numru 1104/2021LC, jinsab differit għall-25 ta' Mejju, 2022, fl-10.10 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 13 ta' Mejju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs and legal interest against the respondent who is from now summoned so that a reference to her oath be made and without prejudice to any other action that may eventually be brought.

Applicant:
34, Triq San Kostantinu, Birkirkara

Respondent:
i) 18, Triq Samuel Taylor Cleridge, Gżira
ii) Housing Authority

The application in the names Mary Cassar vs Giovanna Attard, Application number 1104/2021LC, has been postponed for hearing to the 25th May, 2022, at 10.10 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 13th May, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

851

DKR 92/2015 – KANĊELLAZZJONI TAL-IFFRIŻAR TAL-ASSI

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet datat 5 ta' Mejju, 2022, mill-Qorti tal-Appell Kriminali (l-Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LLD) wara rikors ippreżentat minn Stephen Bonsfield fl-24 ta' Frar, 2022, u insegwitu tal-esekuzzjoni tas-sentenza mogħtija mill-istess Qorti fit-30 ta' Settembru, 2020, Appell numru 60/2019, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija

kontra
STEPHEN BONSFIELD, ta' 52 sena, bin Harold u Teres née Maranci, imwieled Tas-Sliema, Malta, fis-17 ta' Settembru, 1968, residenti gewwa l-fond St Anthony, Flat 4, Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar, Malta, u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 42069M.

IL-QORTI ORDNAT IT-TĦASSIR tal-iffriżar tal-assi kollha tal-imsemmi Stephen Bonsfield, liema ordni kienet ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dr Natasha Galea Sciberras, LLD) fis-6 ta' Frar, 2015, u ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-18 ta' Frar, 2015.

Dan l-avviż qed jiġi ppubblikat ai termini tal-artikolu 22A (2)(b)(6) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illum, 10 ta' Mejju, 2022

DKR 92/2015 – CANCELLATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 5th May, 2022, given by the Criminal Court of Appeal (Madame Justice Dr Edwina Grima, LLD) following an application filed by Stephen Bonsfield on the 24th February, 2022, and following the execution of judgement given by the same Court on the 30th September, 2020, Appeal no 60/2019, in the case in the names:

The Police

versus
STEPHEN BONSFIELD, 52 years, son of Harold and Teres née Maranci, born in Tas-Sliema, Malta, on the 17th September, 1968, residing at St Anthony, Flat 4, Tamar Street, St Paul's Bay, Malta, and holder of Maltese identity card bearing number 42069M.

THE COURT ORDERED THE CANCELLATION of the freezing order of all the assets of the said Stephen Bonsfield which order was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Natasha Galea Sciberras, LLD) on the 6th February, 2015, which was duly published in the Government Gazette of the 18th February, 2015.

This notice is being published according to section 22A (2)(b)(6) of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta.

Today, 10th May, 2022

Reġistru tal-Qrati ta' Ġuriżdizzjoni Kriminali (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputat Reġistratur, Qrati Tribunali u Kriminali

Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputy Registrar, Criminal Courts and Tribunals

852

DKR 238/2017 – VARJAZZJONI TAL-IFFRIŻAR TAL-ASSI

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-2 ta' Mejju, 2022, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Natasha Galea Sciberras, LLD) insegwitu tar-rikors ippreżentat minn Mario Vella u martu Ashley Vella fis-26 ta' April 2022, Kumpilazzjoni numru 268/2017, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(is-Supretendent Frank Anthony Tabone)
(l-Ispettur Kevin Pulis)

kontra

MARIO VELLA, ta' 46 sena, bin il-mejjet Alexander u Carmen xebba Muscat, imwieled Tal-Pietà, Malta, fit-2 ta' Awwissu, 1975, residenti fil-fond Ashmar, Triq Qerd in-Naħal, Ħal Safi, Malta, u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 366375M.

IL-QORTI LAQGĦET it-talba tal-imputat Mario Vella u martu Ashley Vella limitatament fis-sens illi tawtorizza r-rilaxx tas-somma ta' €24,422.12 rappreżentanti s-somma dovuta lilhom skont il-polza ta' assikurazzjoni 'Life Assurance Children's Plan' (Polza numru 111-000621), b'dan illi tali somma għandha tibqa' milquta bl-Ordni ta' Ffriżar ġewwa kont bankarju f'isem ir-rikorrenti jew f'isem ir-rikorrenti flimkien ma' martu. Ir-rikorrenti Mario Vella għandu jippreżenta nota li permezz tagħha jindika l-kont bankarju li fih tiġi depożitata din is-somma.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara digriet tal-iffriżar tal-assi mogħti fl-20 ta' Ġunju, 2017, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Donatella Frendo Dimech, LLD) u pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Ġunju, 2017, fejn il-Qorti kienet ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lill-imsemmi jew li huma proprjetà ta' Mario Vella.

Illum, 10 ta' Mejju, 2022

Reġistru tal-Qrati ta' Ġuriżdizzjoni Kriminali (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputat Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali (Malta)

DKR 238/2017 – VARIATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 2nd May, 2022, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Natasha Galea Sciberras, LLD) following an application filed by Mario Vella and his wife Ashley Vella on the 26th April, 2022, Compilation number 268/2017, in the case in the names:

The Police
(Superintendent Frank Anthony Tabone)
(Inspector Kevin Pulis)

versus

MARIO VELLA, 46 years, son of the late Alexander and Carmen née Muscat, born in Tal-Pietà, Malta, on the 2nd August, 1975, residing at Ashmar, Triq Qerd in-Naħal, Ħal Safi, Malta, and holder of Maltese identity card bearing number 366375M.

THE COURT UPHELD the request of the accused Mario Vella and his wife Ashley Vella limitedly in the sense that it authorizes the release of the sum of €24,422.12 representing the sum due to them according to the insurance policy 'Life Assurance Children's Plan' (Policy number 111-000621), provided that such sum should remain affected by the Freezing Order in a bank account in the name of the accused or in a joint account together with his wife. The said Mario Vella is to file a note indicating the bank account in which this sum is deposited.

This variation is made in terms of Section 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta and of Section 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta following a freezing order dated 20th June, 2017, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech, LLD) and published in the Government Gazette of the 23rd June, 2017, where the Court ordered the attachment in the hands of third parties in a general manner, all monies and other movable and immovable property which may be due to or belonging to Mario Vella.

Today, 10th May, 2022

Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputy Registrar, Criminal Courts and Tribunals (Malta)

853

Bandu għall-Kuratur

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-13 ta' Mejju, 2022, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-liġi jservi ta' notifika skont l-artikoli 187(3) u 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fit-13 ta' Mejju, 2022, fl-atti tar-rikors ġuramentat bin-numru 54/2022 BS, ta' Rose Apap nomine et, ta' 8, Triq il-Virtù, L-Għarb, Għawdex, detentriċi tal-karta tal-identità numru 41964G, jesopnu bir-rispett:

1. Illi l-partijiet kollha għajr għall-Avukat Dr Aaron Mosé Attard Hili huma proprjetarji tal-fond bin-numru mija, tmienja u tletin (138) qabel bin-numru erbgħa u erbgħin (44), li jagħti fuq sqaq bla isem u bla numru li jinfed għal Triq Bullara, ix-Xagħra, Għawdex, bil-ġnien anness miegħu. Il-proprjetà tinkludi l-arja kollha filwaqt li l-proprjetà tinsab sovrastante proprjetà ta' terzi in parte u tgawdi dritt ta' tieqa li tħares fuq proprjetà ta' terzi, liema proprjetà titgawda mis-sidien bid-drittijiet u pertinenzi kollha tagħha, libera u franka;

2. Illi din il-proprjetà hija provenjenti lill-partijiet mill-wirt u suċċessjoni ta' Saviour u Anna konjuġi Attard;

3. Illi Saviour Attard miet testat fid-9.11.1959 permezz ta' testament unica charta tan-Nutar Dr Francesco Gauci datat 2.8.1949 u ħalla bħala werrieta lid-disa' (9) uliedu: Vincenza Sultana, Carmela Vella, Guzeppe Attard, Francesco Attard, Victoria Bajada, Pawla Cassar, Gabriella Micallef, Emanuele Attard u Giovanni Attard;

4. Illi Anna Attard mietet testata fis-27.4.1980 u rregolat is-suċċessjoni tagħha permezz ta' żewg testmenti, u ċjoè s-surreferit testament unica charta u ieħor datat 2.7.1964 fl-atti tan-Nutar Dr Antonio Galea. Illi permezz tal-aħħar testament hija ħalliet nofs indiviż (1/2) u ċjoè sehemha mill-fond de quo bi prelegat remuneratorju lil binha Francesco Attard;

5. Illi Vincenza Sultana, bint Saviour u Anna konjuġi Attard, irċieviet bħala sehemha mill-wirt tal-ġenituri tagħha, id-dota konsistenti f'art magħrufa bħala Il-Moxa, fi Triq il-Knisja, Ix-Xagħra, Għawdex, u għalhekk ma għandhiex

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer (Courts of Magistrates) Gozo

It is hereby notified that by a decree dated 13th of May, 2022 the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced hereunder for the purpose of service in terms of sections 187(3) and 931(3) of the Code of Organization and Civil Procedure.

By decree given by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, on the 13th of May, 2022, in the acts of the sworn application bearing number 54/2022 BS, of Rose Apap et residing at 8, Triq il-Virtù Għarb, Gozo, holder of identity card number 41964G, humbly requests:

1. Whereas all applicants except Dr Aaron Mosé Attard Hili are owners of a house, numbered one hundred and thirty-eight (138), previously bearing the number forty-four (44), located in an alley without name and without number, which abuts onto Bullara Street, Xagħra, Gozo, partly overlying third party property with its annexed garden enjoying a right of prospect over property of third party with its rights and appurtenances free and unencumbered;

2. Whereas property devolved upon the parties from the estate of the late Saviour and Anna spouses Attard;

3. Whereas Saviour Attard died testate on 9.11.1959 and regulated his succession by means of an unica charta in the acts of Notary Dr Francesco Gauci dated 2.8.1949 and was succeeded by his nine (9) children: Vincenza Sultana, Carmela Vella, Giuseppe Attard, Francesco Attard, Victoria Bajada, Pawla Cassar, Gabriella Micallef, Emmanuele Attard and Giovanni Attard;

4. Whereas Anna Attard died testate on 27.4.1980 and regulated her succession by means of two wills namely: the above mentioned unica charta will and another one dated 2.7.1964 in the acts of Notary Dr Antonio Galea. By means of the latter will bequeathed her half undivided share (1/2) of the property de quo by remuneratory prelagacy to her son Francesco Attard;

5. Whereas Vincenza Sultana, the daughter of Saviour and Anna spouses Attard, received as her share from the inheritance of her parents, the dowry consisting of a plot of land called Il-Moxa, situated in Triq il-Knisja, Xagħra, Gozo.

sehem minn din il-proprjetà u dan kif jidher mid-denunzja tagħha li qed tiġi hawn esibita u mmarkata bħala Dok. AF1;

6. Illi Carmela Vella, bint Saviour u Anna konjuġi Attard, mietet nhar it-13.8.2011, testata permezz ta' testament Awstraljan datat 27.4.2004 fejn innominat lil ħames (5) uliedha: Charles Paul Joseph Vella, Paul Vella, Joseph Vella, Mary Falzon u Antoinette Vella bħala werrieta;

7. Illi t-trasferiment causa mortis relattiv tal-imsemmija Carmela Vella ġie debitament ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Josianne Mifsud fl-14.12.2011, però l-proprjetà de quo ma ġietx debitament ddenunzjata u għalhekk jinħtieġ illi ssir korrezzjoni li hija prevista li ssir kontestwalment mal-pubblikazzjoni tal-bejgħ;

8. Illi Paula Cassar, bint Saviour u Anna konjuġi Attard, mietet nhar il-25.3.2021, testata permezz ta' testment Awstraljan datat 15.12.2017, fejn innominat lill-erba' uliedha: Mary Cassar, Diana Cassar, Sammy Cassar u Anne Pantalleresco bħala werrieta;

9. Illi fost dawn l-ulied ta' Paula Cassar, Mary Cassar mietet nhar fit-3.6.2020 u għalhekk mietet qabel ommha, mhux miżżewġa u improle u għalhekk sehem l-istess Mary Cassar mill-wirt ta' ommha Paul Cassar iddevolva fuq ħutha;

10. Illi it-trasferiment causa mortis tal-imsemmija Paula Cassar kif ukoll ta' bintha Mary Cassar ma sarx u huwa previst li jiġi ppubblikat kontestwalment mal-kuntratt ta' bejgħ;

11. Illi Francesco Attard, iben ieħor ta' Saviour u Anna konjuġi Attard, miet ġuvni u improle nhar it-3.7.2009, testat permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Dr Christian Zammit tal-20.3.2008 fejn permezz tiegħu nnomina bħala werrieta lil ħutu: Carmen Vella, Victoria Bajada, Pawla Cassar, Emanuel Attard, Gabriella Micallef u lil Peter Attard li jiġi iben ħuh Joseph Attard u lil Sam Attard, Joe Attard u Darren Attard, ilkoll ulied John Attard, li kien jiġi ħu ieħor tat-testatur;

12. Illi it-trasferiment causa mortis ta' Francesco Attard, ġie debitament ippublikat fl-atti tan-Nutar Dr Christian Zammit fit-3.10.2011;

13. Illi Victoria Bajada, bint oħra ta' Salvatore u Anna konjuġi Attard, mietet nhar il-5.9.2019 fl-Awstralja, testata permezz ta' testament Awstraljan datat 3.3.1995 fejn ħalliet lir-raġel tagħha Emanuel Bajada, werriet universali tagħha;

14. It-trasferiment causa mortis ta' Victoria Bajada ġie debitament ddikjarat fl-atti tan-Nutar Dr Josette Cauchi nhar il-10.12.2021;

Hence having no share whatsoever from the said property as evidenced in her Death Declaration Act as shown in the attached document and marked as Doc. AF1;

6. Whereas Carmela Vella, the daughter of Saviour and Anna married Attard, died on 13.08.2011, and regulated her succession by means of an Australian will dated 27.4.2004 in which she appointed her five (5) children as the heirs to her property: Charles Paul Joseph Vella, Paul Vella, Joseph Vella, Mary Falzon and Antoinette Vella;

7. Carmela Vella's declaration transfer causa mortis in the acts of Notary Dr Josianne Mifsud on fourteenth December 14.12.2011 property was not declared, hence it will be published together with the deed of sale;

8. Whereas Paula Cassar, daughter of Saviour and Anna spouses Attard, died 25.3.2021 and regulated her succession by means of an Australian will dated 15.12.2017 nominating her four (4) children as heirs: Mary Cassar, Diana Cassar, Sammy Cassar and Anne Pantalleresco;

9. Whereas Mary Cassar, one of Paula Cassar's children and a childless spinster, died on 3.6.2020 prior to her mother's death and consequently her share devolved upon her siblings;

10. Paula Cassar's declaration transfer causa mortis as well as that of her deceased daughter Mary Cassar were not published and will be published together with the deed of sale;

11. Whereas Francesco Attard, son of Saviour and Anna married Attard, a childless bachelor died testate on 03.7.2009, by virtue of will dated 20.3.2008 held in acts of Notary Dr Christian Zammit, by means of which he left his siblings: Carmen Vella, Victoria Bajada, Pawla Cassar, Emanuel Attard, Gariella Micallef and his nephew Peter Attard the son of his brother Joseph Attard and his other nephews Sam, Joe and Darren brothers Attard, sons of his brother John Attard as heirs;

12. Francesco Attard's declaration transfer causa mortis was published on 3.10.2011 in the acts of Notary Dr Christian Zammit;

13. Whereas Victoria Bajada, daughter of Saviour and Anna spouses Attard, died testate on 5.9.2019 in Australia by virtue of a will dated 3.3.1995 nominating her husband Emanuel Bajada as her heir;

14. Victoria Bajada's declaration transfer causa mortis was published on 10.12.2021 in the acts of Notary Dr Josette Spiteri Cauchi;

15. Illi Giovanni Attard iben ieħor ta' Salvatore u Anna konjuġi Attard miet nhar l-1.6.1996, intestat u għalhekk wirtuh uliedu: Sammy, Joseph u Darren aħwa Attard;

16. Illi id-dikjarazzjoni ta' trasferiment causa mortis ta' Giovanni Attard huwa previst li jsir kontestwalment mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt;

17. Illi Emanuel Attard, iben iehor ta' Salvatore u Anna konjuġi Attard miet nhar il-10.8.2019, intestat u għalhekk wirtuh inkwantu għal nofs indiviż martu Anne Maria Attard u inkwantu għan-nofs indiviż l-ieħor uliedu flimkien: Maria u Mandy aħwa Attard;

18. Id-dikjarazzjoni trasferiment causa mortis ġiet debitament ippubblikata nhar l-14.7.2020 minn Nutar Dr Joanne Cauchi;

19. Illi Joseph Attard miet intestat nhar id-9.11.1968, fl-Ingilterra u mir-riċerki li saru f'Malta jidher li dan miet intestat. Għalhekk il-werriet preżunt tiegħu huwa Peter Attard hekk kif dikjarat mit-testment tal-mejjet Francesco Attard;

20. Illi l-esponenti ma jafux fejn jinsab iben Joseph Attard u ċjoè Peter Attard u lanqas jafu jekk il-mejjet Joseph Attard kellux aktar ulied;

21. Illi hekk kif jidher mill-arblu tar-razza li qed jiġi hawn anness u mmarkat Dok. AF2, il-partijiet huma werrieta fil-kwoti hemmhekk indikati;

22. Illi l-kwoti spettanti lill-partijiet huma lkoll elenkati fid-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok. AF3;

23. Illi għalhekk din il-propjetà ilha tinżamm in komun għal iżjed minn tliet (3) snin mill-mewt tal-konjugi Salvatore u Anna Attard u r-rikorrenti għandhom sehem li jiżboqq il-maġġoranza;

24. Illi ħadd mis-sidien ma għamel ebda azzjoni quddiem xi qorti jew tribunal ieħor għall-qsim tal-proprjetà de quo li qiegħda tinżamm in komun;

25. Illi ma hemm l-ebda użufrutt favur ebda werriet li tissospendi dawn il-proċeduri;

26. Illi l-komproprjetarji kollha naqsu milli jiftiehmu dwar il-bejgħ ta' din il-proprjetà partikolari bejniethom stante illi ma għandhomx kuntatt mal-intimat u ma jafux fejn jirrisjedi u għalhekk ma jistgħux iġibu il-kunsens tiegħu;

15. Whereas Giovanni Attard, son of Saviour and Anna spouses Attard, died intestate on 1.6.1996 and so his inheritance devolved upon his issue Sammy, Joseph and Darren;

16. Giovanni Attard's declaration transfer causa mortis is to be published together with the deed of sale;

17. Whereas Emanuel Attard, son of Saviour and Anna spouses Attard, died intestate on 10.8.2019 with the result that his estate devolved half of his undivided share upon his widow Anne Marie Attard and the other undivided share upon his two children: Maria and Mandy Attard;

18. Emmanuel Attard's declaration transfer causa mortis was published on 14.7.2020 in the acts of Notary Dr Joanne Cauchi;

19. Whereas Joseph Attard died intestate on 9.11.1968 in the UK as resulted from searches carried out in the Maltese islands. So the presumed heir is Peter Attard as declared in the will of his late uncle, Francesco Attard;

20. Whereas the present applicants are bereft of any information of the whereabouts of Joseph Attard's son Peter Attard and they possess of no information whether the said Joseph Attard had any other offsprings;

21. Whereas the parties, as shown in the attached family tree and marked as Doc. AF2, are heirs to their respective shares;

22. Whereas the parties' shares are all listed in the attached document and marked as Doc. AF3;

23. Whereas this property has been held in common among the parties for more than three (3) years following the death of Saviour and Anne spouses Attard and that the applicants enjoy more than half of the majority of the shares held in common;

24. Whereas no one of the owners has ever lodged any judicial act before any court or tribunal for the division of the property;

25. Whereas no heir enjoys any usufruct upon the property that can suspend these procedures in whatever manner;

26. Whereas the co-proprietors failed to reach an agreement for the sale of the property because they have neither any contacts nor knowledge of the residential address of Peter Attard from whom they could obtain his consent;

27. Illi l-komparenti rikorrenti daħlu f'konvenju ma' Dr Aaron Mosè Attard Hili biex ibigħu l-fond hawn deskritt permezz ta' konvenju datat 31.8.2021 għall-prezz ta' mitejn u tmenin elf ewro (€280,000), liema konvenju jistipula li l-kuntratt finali għandu jiġi ppubblikat sa mhux aktar tard mit-30.6.2022 u dan taħt il-pattijiet u kundizzjonijiet hemmhekk spjegati, liema konvenju huwa hawn anness u mmarkat Dok. AF4;

28. Illi l-konvenju huwa debitament reġistrat mal-Kummissajru tat-Taxxa bin-numru PS202130310, u dan skont in-notifika li qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. AF5;

29. Illi kif jidher mir-rapport peritali redatt mil-Perit Andrea Bigeni, li kopja tiegħu hija hawn annessa bħala dok AF6, il-valur tal-fond huwa mitejn u tmenin elf ewro (€280,000) u ċjoè l-istess prezz li hemm indikat fuq il-konvenju;

30. Illi l-bejgħ tal-proprjetà fuq imsemmija hija ta' benefiċċju għal kull koproprjetarju tal-istess proprjetà u ħadd mis-sidien ma hu sejjer jiġi ippreġudikat bil-bejgħ tagħha;

31. Illi peress li l-atturi ma għandhomx kuntatt mal-intimati kif ġie dikjarat bil-ġurament fir-rikors li qed jiġi ppreżentat kontestalwment ma' dawna l-atti u għalhekk ma għandhomx il-kunsens u l-aderixxenza tiegħu għal dan il-bejgħ, ir-rikorrenti qed jippreżentaw dan ir-rikors a tenur tal-artiklu 495A tal-Kap. 16. tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil din il-Qorti Onorabbli illi prevja id-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u wara li ngħataw il-provvedimenti opportuni, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha għar-raġunijiet fuq imsemmija:

1. Tiddikjara illi hija sodisfatta li l-komproprjetarju dissidenti ma huwiex se jkun gravament preġudikat b'dan il-bejgħ;

2. Tawtorizza l-bejgħ tal-fond numru mija tmienja u tletin (138), qabel bin-numru erbgħa u erbgħin (44), li jagħti fuq sqaq bla isem u bla numru li jinfed għal Triq Bullara, Ix-Xagħra, Għawdex, bil-ġnien anness miegħu. Il-proprjetà tinkludi l-arja kollha filwaqt li l-proprjetà tinsab sovrastante proprjetà ta' terzi in parte u tgawdi dritt ta' tieqa li tħares fuq proprjetà ta' terzi, liema proprjetà titgawda mis-sidien bid-drittijiet u pertinenzi kollha tagħha, libera u franka u a tenur tal-artiklu 495A tal-Kap 16, skont ix-xewqa tal-akbar għadd ta' komproprjetarji, u ċjoè bil-prezz totali ta' mitejn u tmenin elf ewro (€280,000);

3. Taħtar kuraturi sabiex jidhru fuq l-att finali ta' trasferiment ossija bejgħ f'isem min mill-kopropjetarji jonqos milli jidher quddiem in-Nutar Pubbliku fuq imsemmi għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' trasferiment u tordna li mir-rikavat mil-prezz dovut lilhom fuq il-kuntratt jitnaqqsu t-taxxi

27. Whereas the applicants entered into a promise of sale with Dr Aaron Mosè Attard Hili to sell the said property dated 31.8.2021 for the sum of two hundred and eighty thousand euro (€280,000), which promise of sale stipulates that the final deed should be published by end of 30.6.2022 subject to the stipulated conditions a copy of which is being attached and marked as Doc. AF4;

28. Whereas the promise of sale has been registered with the Commissioner of Inland Revenue number PS202130310 and this according to the attached note and marked as Doc. AF5;

29. Whereas according to the technical report by the Architect Andrea Bigeni the value of the property is of two hundred and eighty thousand euro (€280,000) which is the same price value as declared in the promise of sale as shown in the attached copy and marked as Doc. AF6;

30. Whereas the sale of the property is beneficial to each and every co-proprietor of the property and no prejudice will be created to them by the sale of it;

31. Whereas the applicants have no contact whatsoever with Peter Attard, as declared on oath in the application as presented together with these documents, and so Peter Attard's consent is lacking for this sale, the applicants are lodging this application according to Article 495A of Chapter 16 of the Laws of Malta.

Therefore, applicants humbly request this Honourable Court, that in view of all the necessary declarations and after that the opportune dispositions have been given, this Honourable Court, for the mentioned reasons, is pleased:

1. To declare that the Court is satisfied that the co-proprietor will not be prejudiced with this sale;

2. Authorise the sale of the same property numbered one hundred and thirty-eight (138), located in an alley without name and without number, which abuts onto Triq Bullara, Xagħra, Gozo, overlying on third party property, with its annexed garden enjoying a prospect over property of third party with its rights and appurtenances free and unencumbered and in terms of article 495A of Chapter 16, according to the will of the majority of the co-proprietors for the total sum of two hundred and eighty thousand euro (€280,000);

3. Appoint deputy curators to appear on the deed of sale for and on behalf of those who fail to appear on the deed in front of the Notary Public and to order that the respective shares due will have their tax deducted, all expenses incurred including those due to the Deputy Curators and

relattivi dovuti minnhom, u l-ispejjeż kollha dovuti minnhom nklużi dawk tal-kuraturi deputati u ta' kwalunkwe dikjarazzjoni causa mortis li neċessarjament trid tiġi ppubblikata qabel l-att kif ukoll sehemhom mill-ispejjeż relatati mal-ħruġ tal-Energy Performing Certificate u sehemhom mill-kontijiet ta' konsum ta' dawl u ta' ilma li għadhom dovuti mil-fond de quo, li hija r-responsabbiltà tal-vendituri;

4. Tagħti kull ordni u direttiva li jidhrulha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-koproprjetarji dissenti.

Inti, uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija, bix-xhieda tal-Maġistrat Dr Brigitte Sultana LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit., Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 13 ta' Mejju, 2022

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

SILVIO XERRI
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

any Death and Donation Duty Tax that is necessary to be published prior to the deed of sale together with their shares from expenses related to the Energy Performing Certificate and of any pending energy and water bills that are still due on the property, will be at the responsibility of the vendors;

4. To provide any order or directions which the Court may deem fit and opportune.

All expenses to be borne by defendants.

You, the executive officer of the Court of Magistrates (Gozo), are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Court, and to summon whosoever would like to act as curator to appear in this Registry within six (6) days, and by means of a minute to submit a declaration that they would like to so act.

You are also ordered to inform each and every one that if they fail to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed with the selection of official curators. And after so doing, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to forthwith inform this Court.

Issued by the aforementioned Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, under the signature of Magistrate Dr Brigitte Sultana, LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit., Magistrate of the said Court.

This 13th of May, 2022

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Superior Jurisdiction, General Section

SILVIO XERRI
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

854

Ikun jaf kulħadd illi permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Diċembru, 2021, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 51/2021 fl-ismijiet 'Xerri Frank vs Falzon Nazzareno sive Reno' ippreżentat fir-Reġistru tal-istess Qorti fis-17 ta' Novembru, 2021, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt hawn taħt riprodott u dan sabiex iservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Nazzareno sive Reno Falzon ta' 'Erin Mills', Triq Mons. A. Buhagiar, Ir-Rabat, Malta, u dan ai termini tal-artiklu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mandat ta' Inibizzjoni numru: 51/2021 SG

It is hereby notified that by a decree given on 2nd of December, 2021, issued by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, in the acts of the Warrant of Prohibitory Injunction number 51/2021 SG in the names 'Xerri Frank vs Falzon Nazzareno sive Reno' filed in the Registry of the said Court on the 17th of November, 2021, the publication of the extract reproduced below was ordered in order to serve as service against the respondent Nazzareno sive Reno Falzon of 'Erin Mills', Triq Mons. A. Buhagiar, Rabat, Malta, and this in terms of article 187 (3) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Warrant of Prohibitory Injunction number 51/2021 SG

Frank Xerri (KI 479383M)
(Ta' Indrija, 5, Triq l-Għarb, L-Għarb)

versus

Nazzareno sive Reno Falzon
('Erin Mills', Triq Mons. A. Buhagiar, Ir-Rabat, Malta)

Rikors tal-imsemmi Frank Xerri (KI 479383M)

Jingħad bil-qima u jiġi kkonfermat bil-ġurament:

Illi l-esponenti għandu interess li jitħarsu l-jeddijiet tal-esponenti;

Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, jixtieq iżomm l-intimat milli,

personalment jew permezz ta' terzi huwa jbigħ, jittrasferixxi, jaljena taht kwalsijasi titolu, jipoteka u/jew jgħabbi b'ebda piżijiet is-sehem spettanti lilu mis-segwenti proprjetajiet:

i) l-arja intiża għall-kostruzzjoni tal-appartament numru tnejn (2) fil-livell second floor

ii) l-arja intiża għall-kostruzzjoni tal-appartament numru erbgħa (4) fil-livell third floor

iii) nofs indiviż (1/2) mill-arja intiża għall-kostruzzjoni tal-appartament numru sitta (6) fil-livell third floor

iv) l-arja intiża ghall-kostruzzjoni tal-garaxx numru (1),

fil-blokk li se jinbena minflok it-terraced house magħrufa bhala Erin Mills, bin-numru uffiċjali erbgħa u sebgħin (74) fi Triq Monsinjur A. Buhagiar, Ir-Rabat, Malta;

Illi bejn il-partijiet diġà hemm proċeduri ġudizzjarji fl-istess ismijiet bin-numru 69/2016BS.

Stante l-urġenza u l-fatt illi l-imsemmija xogħlijiet diġà bdew l-esponenti jitolbu illi dan il-mandat jiġi milqugħ provviżorjament, u dan mill-anqas sakemm jingħata digriet finali fuq dan ir-rikors.

Is-smigħ tar-rikors huwa differit għal nhar it-Tlieta, 31 ta' Mejju, 2022, f'nofsinhar, fl-edifizzju tal-Qorti ta' Għawdex.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Illum 16 ta' Mejju, 2022

SILVIO XERRI
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Fank Xerri (ID 479383M)
(Ta' Indrija, 5, Triq l-Għarb, Għarb)

versus

Nazzareno sive Reno Falzon
('Erin Mills', Triq Mons. A. Buhagiar, Rabat, Malta)

Application of the said Frank Xerri (ID 479383M)

Respectfully sheweth and confirms on oath:

That the applicant has an interest that his rights be secured;

That the applicant, in order to secure his rights, desires to restrain respondent from,

Personally, or through third parties he sells, transfers, alienates under any title, mortgages and/or burdens with no charges the share he has been out of the following properties:

i) the air intended for the construction of the number two (2) apartment at the second-floor level

ii) the air intended for the construction of the apartment number four (4) at the third-floor level

iii) half undivided (1/2) of the air intended for the construction of apartment number six (6) at the third-floor level

iv) the air intended for the construction of the garage number (1),

In the block to be built instead of the terraced house known as Erin Mills, the official number four (74) in Monsignor A Buhagiar Street, Victoria, Malta;

That between the parties already there are judicial procedures in the same names with the number 69/2016bs.

It was the urgency and the fact that the said works have already begun the exponents demanding that the mandate be provisionally upheld, and at least until a final decree was given on the present action.

The hearing is adjourned for Tuesday, 31st of May, 2022, at noon at the Gozo Court building.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Today May 16, 2022

SILVIO XERRI
Deputy Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603